MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Numru 182/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**
**vs**
**Nadia Gambin**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nadia Gambin (Maria Nadia) nee' O'Flaherty detentrici karta ta' identita' numru 455867 (M).

Akkuzata talli f'Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin matul il-21 ta' Gunju 2004 u fil-jiem ta' qabel:

1. kkommettiet serq ta' Quickcash Card tal-Bank HSBC mahruga f'isem Sylvia Borg ghad-dannu ta' l-istess Sylvia Borg u tal-Bank HSBC, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. kkommettiet serq ta’ Lm11 ghad-dannu ta’ Sylvia Borg;
3. Laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom u cioe card tal-Bank HSBC mahruga f’isem Sylvia Borg, cordless telephone tal-marka Panasonic, zewg pupi tal-marka Barbie u materjal ta’ stationery.
4. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh li jeccedi il-Lm100 izda inqas minn Lm1000 ghad-dannu ta’ Sylvia Borg, tal-Bank HSBC u l-propjetarji ta’ l-istabbiliment ‘Eduline Play ‘N’ Learn’ ta’ Birkirkara.
5. Ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
6. Kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni f’liema ammissjoni hi nsistiet anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidrat

L-imputazzjonijiet jipotizzaw r-reat ta’ serq kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, ir-ricettazzjoni (akkuza alternattiva ghal dik tas-serq), it-truffa, u l-falsifikazzjoni u l-uzu tieghu.

L-ammissjoni ta’ l-imputata hija wahda volontarja u inkundizzjonata;

Tiddeciedi wara li rat id-dewmien li kien hemm f’din il-kawza, l-ammont involut ghalkemm ir-rati huma ‘di per se’ gravi, li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tliet xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ir-responsabbiltajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------